

Il-Papa Franġisku jistedinna sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu sabiex ħutna li tbiegħdu mill-Fidi, bil-għajnuna tat-talb, flimkien max-xhieda tagħna, jerġgħu jiskopru kemm hu qrib il-Mulej fil-ħniena tiegħu u kemm hi sabiħa l-ħajja Nisranija.

**Qari:** *Mid-diskors ta' Papa Franġisku waqt udjenza ġenerali f'Mejju 2016*

Il-Papa Franġisku qal li Alla qed jagħmlilna sejħa għall-indiema u l-konverżjoni. U din hi s-sejħa biex nibdlu ħajjitna. Fil-fatt hu tkellem ħafna dwar l-imħabba ta' Alla għalina, li hu qabbilha mal-imħabba ta' missier. Hu fisser kif aħna għandna nagħmluha ta' missjunarji u kif għandna nipproponu lill-oħrajn l-esperjenza tar-rikonċiljazzjoni ma' Alla. Il-Papa sejjaħ din l-inizjattiva "24 siegħa għall-Mulej". Hu żied jgħid hekk: "Ma' dawk li tiltaqgħu, tistgħu twasslulhom il-ferħ li jħoss min irċieva l-maħfra tal-Missier u sab mill-ġdid il-ħbiberija sħiħa miegħu." Hu kompla jgħid hekk: "U għidulhom li l-Missier tagħna qiegħed jistenniena, il-Missier tagħna jaħfrilna u, iżjed minn hekk, jagħmlilna festa. Jekk int tmur għandu b'ħajtek kollha, anki b'tant dnubiet, flok iċanfrek, jagħmillek festa: dan hu l-Missier tagħna. Dan intom tridu tgħiduh, għiduh lil tant nies, illum... Min iduq mill-ħniena divina jħoss li għandu jsir bennej ta' ħniena fost l-imsejknin u l-foqra. F'dawn 'l-iżgħar fost l-aħwa' Ġesù qed jistenniena (ara Mt 25:40) nirċievu l-ħniena u nagħtu l-ħniena!" Għalhekk il-Papa jħeġġeġ lilna l-Insara biex niltaqgħu ma' ħutna li tbiegħdu mill-fidi, u jgħidilna: "Ejja noħorġu niltaqgħu magħhom u hekk nistgħu niċċelebraw l-Għid fil-ferħ ta' Alla!"

Mulej, nirringrazzjak tal-imħabba kontinwa lejja.
Nirringrazzjak minn qiegħ qalbi
għax int ma tixbax tilqagħni lura kull meta nitbiegħed minnek.
Nirringrazzjak, fuq kollox,
talli tqisni bħala wieħed/waħda mill-wild għeżież tiegħek,
minkejja li noffendik u ma nħobbokx kif jixraqlek.
Illum Mulej, inġbarna hawnhekk sabiex nitolbu
għal ħutna li tbiegħdu mill-fidi
biex, permezz tal-għajnuna tat-talb tagħna u tal-mod kif ngħixu,
huma jerġgħu jiskopru l-valur tal-fidi u jerġgħu jaraw fik il-Missier.

Mulej, snin ilu, aħna l-Maltin konna niftaħru li aħna Kattoliċi,
anzi, konna nistħajlu li ma hemm ħadd kattoliku daqsna.
Iżda llum qed niffaċċjaw realtà oħra!
Ir-reliġjon m'għadhiex l-ispirazzjoni tal-mod kif ngħixu,
u ħafna minna tbiegħdu mill-fidi,
għax ir-reliġjon saret superfiċjali
u baqa' biss iċ-ċerimonji u l-festi.
Ir-reliġjon ma baqgħet tfisser xejn għalihom,
u għalhekk m'għandhom xejn f'ħajjithom
li jista' jressaqhom lejk u lejn l-imħabba divina tiegħek.
Mulej, sirna wisq individwalisti, u moħħna biss fina nfusna,
f'kemm ser ingawdu u nixxalaw..... u nabbandunaw lill-oħrajn.
Mulej, il-Papa mhux qed jgħidilna
biex nitolbu għal min tbiegħed minnek u mill-fidi
ħalli jerġgħu lura lejn il-ħajja nisranija, u daqshekk.
Anzi, il-Papa ma waqafx hemm.
Hu qed jitfa' r-responsabbiltà fuqna.
Irid li aħna, li għad għandna t-tama u l-fidi fik,
inkunu aħna, li nwassluhom għandek,
l-istess bħalma Ġesù jwassal lilna għandek.
Għalhekk, għin lilna lkoll Mulej, ħalli nerġgħu nibdew ngħixu
l-fidi tagħna bis-serjetà, ħalli nimxu fuq il-passi tiegħek
u nagħtu xhieda bil-mod ta' kif ngħixu,
ta' mħabba u solidarjetà mal-fqir.
Jalla nkunu viċin il-batut u ma' min hu mweġġa'
kif kont tagħmel int Mulej Ġesù.
Agħmlilna l-kuraġġ Mulej,
lilna li doqna mill-ħniena divina tiegħek,
biex insiru, kif talabna l-Papa Franġisku,
bennejja tal-ħniena fost l-imsejknin u l-foqra.
U biex f'dawn 'l-iżgħar fost l-aħwa', aħna naċettaw
l-istedina ta' Ġesù biex nirċievu l-ħniena u nagħtu l-ħniena!

**KANT**

**Qari:** *Mid-diskors ta' Papa Franġisku waqt udjenza ġenerali f'Mejju 2016*

Naħseb ta' min jgħid ukoll li, biex aħna nkunu nistgħu nwasslu l-imħabba ta' Ġesù lill-oħrajn, hemm bżonn li aħna stess niġġeddu fil-fidi. Il-Papa jgħid li minn qalb il-bniedem imġedded skont Alla, toħroġ l-imġiba tajba, kif ukoll li "rridu nilbsu l-bniedem il-ġdid, b'atteġġjamenti ġodda." U jħeġġiġna biex "*Nibqgħu fl-imħabba"*. Hu jkompli jgħid li "L-imħabba ta' Ġesù Kristu tibqa' għal dejjem, ma tintemm qatt, għax hi l-istess ħajja ta' Alla. Din l-imħabba tirbaħ fuq id-dnub u tagħtina l-qawwa nerġgħu nqumu u nibdew mill-ġdid għax bil-maħfra l-qalb tiġġedded u terġa ssir żagħżugħa." Il-Papa jemfasizza li "Missierna ma jegħja qatt iħobb u għajnejh ma jitqalux huwa u jħares lejn it-triq li twassal għal daru, biex jara jekk ibnu li telaq u ntilef hux ġej lura....... Missierna dejjem qiegħed jistenniena u, mhux biss iħallilna l-bieb miftuħ, imma jistenniena. ....
U Kristu jsejħilna nixbhuh fl-istess mod tiegħu ta' kif iħobb:"Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin."(Ġw 13:34) Skont kemm l-Insara jgħixu din l-imħabba, huma jistgħu jsiru dixxipli kredibbli ta' Kristu fid-dinja. L-imħabba ma tistax tissaporti li tibqa' magħluqa fiha nfisha.

Mulej, naħseb li kieku Ġesù kellu jiġi llum,
żgur li ma jindunax li aħna Nsara
u li suppost qed nimxu fuq l-eżempju u l-passi tiegħu.
Qisu llum, li tgħix ta' Nisrani m'għadhiex popolari.
Donnu l-ħajja Nisranija ma tidhirx sabiha
f'għajnejn il-bniedem tal-lum u allura jabbandunaha.
Mulej, agħtina l-grazzja li nsibu mezz kif niskopruha mill-ġdid,
kif nagħrfu l-imħabba tiegħek fil-ħajja tagħna.
Agħtina l-kuraġġ, ħalli f'dinja li kull ma tmur qed issir iktar individwalista,
ma nibżgħux nimpenjaw ruħna biex noffru wens u sapport lil min ikollu bżonn.
Mulej, agħmel li aħna ma niddejqux nagħmluha ta' missjunarji
U, kif qalilna l-Papa Franġisku, nipproponu lill-oħrajn
l-esperjenza tar-rikonċiljazzjoni ma' Alla.
Jalla Mulej, ma' dawk li niltaqgħu,
inwasslulhom il-ferħ li wieħed iħoss
meta jirċievi l-maħfra tiegħek, il-maħfra ta' missier,
biex b'hekk isibu mill-ġdid il-ħbiberija sħiħa miegħek.
Agħti l-grazzja Mulej lill-bnedmin kollha,

ħalli huma jagħrfu li minnek ġej dak kollu li hu tajjeb,
dak kollu li hu sabiħ, dak kollu li hu ġust,
biex b’hekk din it-tama fik u fil-qawwa tiegħek
tibqa’ tmexxihom lejk matul ħajjithom kollha.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

- Mulej, nitolbuk sabiex tagħti l-grazzja lil dawk li tbiegħdu mill-fidi, għax forsi għamlu xi ħaġa li tmur kontra l-prinċipji nsara. Għinhom biex ma jarawkx biss bħala xi forma ta’ Mħallef li lest jiġġudikahom fuq għemilhom, iktar milli lest biex jaħfer. Għinhom ħalli jarawk bħala missier li lest li jħaddan lill-ibnu, anke jekk weġġgħu jew abbandunah.

  Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

- Nitolbok Mulej, agħtini l-għajnuna ħalli nimpenja ruħi biex, bil-mod kif ngħix u bit-talb tiegħi, inkun ta’ għajnuna konkreta ma’ xi ħadd li jkun tbiegħed minnek, ħalli jkun jista’ jerġa’ jduq il-maħfra u l-imħabba tiegħek.

  Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

- Mulej, għinna sabiex nifhmu li l-uniku mod kif nistgħu tassew inħossuna tajbin f’ħajjitna huwa billi nagħrfu nuru solidarjetà ma’ min hu fil-bżonn, ma’ min hu imweġġa’, ma’ min qed ifittex biex jerġa’ jiskoprik fil-ħajja tiegħu.

  Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

- Mulej, filwaqt li nirringrazzjawk tal-persuni li jridulna l-ġid, nitolbuk biex ma tħalliniex ninsew lil dawk li ma nfittxuhomx għax jidhrilna li m’għandniex bżonnhom. Lil dawn, Missier, nitolbuk sabiex twittilhom it-triq ħalli huma wkoll isibu lil min iwasslilhom il-ħlewwa u l-kobor ta’ mħabbtek u tal-maħfra tiegħek.

  Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

- Nitolbuk Mulej sabiex tiftħilna moħħna u qalbna sabiex inkunu dejjem nies ta’ rieda tajba li nnisslu ferħ, tama u wens f’min qiegħed ifittex l-imħabba f’ħajtu, f’min qata’ qalbu jew telaq lill-knisja b’togħma u impressjoni ħażina.

  Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

**KANT**